MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2006

Numru. 240/2002

PULIZIJA
SPETTUR SILVANA ZRINZO AZZOPARDI
VS
ANTON AGIUS
WILLIAM AGIUS

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Anton Agius, ta' 21 sena, bin Anthony u Emanuela nee' Caruana, imwieled Pieta' fl-24 t'April 1980 u residenti 43A, St Carmel, Triq Vassalli, Zebbug, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 213980(M), kif ukoll William Agius, ta' 17 sena, bin Anthony u Emanuela nee' Caruana, imwieled Pieta' fil-5 t'April 1984, u residenti 43A, St Carmel, Triq Vassalli, Zebbug, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 200584(M), u akkuzati talli fit-2 ta' Jannar 2002, ghal habta tas-siegha neqsin kwart ta' wara nofsinhar, gewwa Triq is-Siggiewi, Zebbug, attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx

vjolenza pubblika kontra persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti u cioe' kontra PC 744 Anthony Vella.

Akkuzati wkoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurjaw jew heddu lil PC 744 Anthony Vella, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghuh jew jinfluwixxu fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Akkuzati wkoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkagunalu offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 744 Anthony Vella, skond kif iccertifika Dr.J Abela M.D. tac-Centru tas-Sahha tal-Furjana, persuna nkarigata skond il-ligi mis-servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghuh jew jinfluwixxu fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Akkuzati wkoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' persuni li jkunu nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallewhomx jew fixkluhom waqt li kienu qeghdin jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahlu fid-dmirijiet taghhom, billi ma hallewx lil min hu nkarigat jaghmlu dak li bil-ligi kienu ordnati jew jistghu jaghmlu, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi.

U aktar akkuzati wkoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma teccedix l-ghaxar Liri Maltin (Lm10), ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisru l-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Lil William Agius wahdu, akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura tat-tip Ford Fiesta, bin-numru

tar-registrazzjoni LAJ 961 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mid-Direttur tal-Licenzji.

U aktar lil William Agius wahdu, akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura tat-tip Ford Fiesta, bin-numru tar-registrazzjoni LAJ 961 minghajr ma kien kopert b’polza ta’ assigurazzjoni ghar-riskji fuq terzi persuni.

Lil Anton sive Anthony Agius wahdu, akkuzat talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu bis-sentenza tat-12 ta’ Mejju 2000.

U aktar lil Anton sive Anthony Agius wahdu, akkuzat talli sar recidiv billi kkommetta reat wara li gie sentenzjat fid-9 t’April 2001, liema sentenza hija definittiva u ma tistax aktar tigi mibdula.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna ta’ PC 744 Anthony Vella, u l-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq, u dan ai termini tal-Artiklu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ulterjorment, din il-Qorti kienet gentilment mitluba illi f’kaz ta’ htija tiskwalifika lill-imputati milli jkollhom jew jottjenu kull licenzja tas-sewqan skond il-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 5) u tal-imputati sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati tad-9 ta’ Mejju 2005.

Semghet il-konferma tal-istess ammissjoni wara li l-Qorti tat lill-imputati zmien ragjonevoli sabiex jirrikunsidraw l-ammissjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghhom, din il-Qorti ssib lill-imputati Anton Agius u William Agius hatja skond l-akkuza, wara li rat l-Artikli 95 u 96(a), 91, 325(d), 338dd, 37, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artiklu 15 tal-Kap 65, Artiklu 3 tal-Kap 104, Artiklu 7 tal-Kap 446. Illi ghar-rigward ta’ piena, din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-‘pre-sentencing report’ taz-zewg imputati, u in vista ta’ dan kollu, tikkundanna lil Anton Agius ghal perjodu ta’ prigunerija ghal zmien sena. Dan il-perjodu ta’ inkarcerazzjoni qed jinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni d-diversi opportunitajiet li gie moghti minn Qrati diversi lill-istess Anton Agius, sabiex jirriforma ruhu, u dan kollu inutilment.

Illi di piu’, din il-Qorti, fil-mori tal-kawza, tat diversi opportunitajiet lil Anton Agius sabiex jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga u l-imputat, minkejja li beda l-program residenzjali, ghazel li ma jikkompletahx billi harab mill-program f’okkazjoni wahda u gie mkecci minhabba li kiser il-kundizzjonijiet tal-istess program fit-tieni lok. Illi jidher car illi l-imputat Anton Agius mhuwiex kapaci wahdu jibda’ u jikkompleta program ta’ rijabilitazzjoni kontra d-droga, u ghaldaqstant, din il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin sabiex l-imputat Anton Agius jibda’ u jikkompleta program ta’ rijabilitazzjoni kontra d-droga minn hdan l-istess Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin.

Ghar-rigward ta’ William Agius, jidher illi dan mhuwiex tal-istess qatgha bhal huh Anton, u ghaldaqstant, ghandu jibbenifika minn sentenza aktar lieta, u ghal dan il-ghan, il-Qorti tqieghdu taht ‘probation order’ fil-massimu tieghu, u cioe’ ta’tlett snin, taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services Mariella Camilleri, jew ‘probation officer’ iehor minnha nominat.

IN oltre, din il-Qorti tordna li William Agius jkun skwalifikat milli jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------